**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETTAX 10 ta' ĠUNJU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, il- Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Din is-seduta saret virtwali minħabba l-kwistjoni tal-Covid 19.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **13.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 13.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **13.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 13.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tnax - il seduta. |
| | | |
| | | |
| ***13.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 13.3.1 | | Is-Sindku qalet li l-masks bl-arma taż-Żurrieq waslu u min jixtieq li jqassam xi ftit hu, javża ħalli jieħu parti minnhom u javża liema toroq ser iqassam. |
| | | |
| 13.3.2 | | Is-Sindku qalet biex dawk li ma bagħtux ir-write up tal-Kunsill News, jibgħatuh ħalli jiġi ppubblikat fix-xahar li ġej. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***13.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| | | |
| 13.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill jirringrazzja b'mod formali lill-Ministru li qed tieħu ħsieb xogħlijiet ta' tindif fir-raħal u lid-Direttur tal-Clean Malta. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 13.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Farrugia qal:<br>• li hemm bżonn li ssir barrier fi Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li jiġi vverifikat il-post eżatt.<br>• Persuna talbet biex tiżdidilha ġabra oħra tal-borża s-sewda – Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Fuq ċertu bankijiet fil-ġonna jkun hemm plakka b'qawl fuqha. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 13.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex :<br>• Min imur jimxi t-Triq tal-Wied, mill-Belle Veder sa faċċata ta' Dems Aluminium hemm bankina, imma minn faċċata tad-Dems Aluminium sal-isqaq m'hemmx. Hu ssuġġerixxa li ssir bankina minħabba l-periklu li hemm fl-akwati u ma jiġux mgħottija l-culverts. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fis-sena 2011, il-Kunsill kien talab għal biċċa art faċċata tad-Dems Aluminium, biex tkun devoluta lill-Kunsill. Ġie mitlub biex tali art tkun mantenuta mill-fondi tal-Gal Xlokk. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li jekk il-Kunsill għadu ma lestix l-proġetti li għandu mal-Gal Xlokk ma jkunx jista jerġa japplika. Kien hemm qbil li l-Kunsill xorta jipprova japplika.<br>• L-akwata ta' fejn ħawlu s-siġar ta' wara l-ġnien tal-ġibjun, xi persuni ħawwlu l-pal tal-bajtar. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-*contract manager* biex naraw x'parir jagħti.<br>• Issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Onor. Ministru Roderick Galdes biex joffri appartament lill-persuni li jinsabu fid-djar tan-Nigret, fejn suppost ser jitwaqqaw d-djar biex tinfetaħ it-triq. Kien hemm qbil li qabel isir l-appuntament ikun avżat l-Onorevoli Stephan Zrinzo Azzopardi minħabba li kien involut fit-taħdidiet.<br>• Issuġġerixxa li ssir laqgħa mad-Direttur tal-istorm Water management, biex inkellmuh fuq il-proġett li kien imwiegħed f'hiex waslu.<br>• Staqsa f'hiex waslu l-*bus sheleters* fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li terġa ssir pressjoni fuqhom.<br>• Biex issir pressjoni biex issir ż-zebra crossing fi Triq Wied Babu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif tkun lesta kompletament *ż-zebra crossing* ta' Vjal ix-Xarolla jibda x-xogħol fuq ta' Triq Wied Babu.<br>• Staqsa f'hix wasal r-restawr tat-torri tal-wardija. Is-Sindku qalet li saret laqgħa mal-perita tar-restawr, daħlu fit-torri jiċċekjaw is-sitwazzjoni tat-torri minn |

| | | |
|---|---|---|
| | | ġewwa. Il-proċess inbeda u ser jieħdu ħsiebu d-Direttorat tar-restawr tal-wirt nazzjonali.<br>• Bżonn li jinqata l-ħaxix selvaġġ fi Triq il-Barrieri. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol mehtieġ. |
| | | |
| 13.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab biex:<br>• issir manutenzjoni tat-trinka li hemm fi Vjal il-Blue Grotto viċin ir-roundabout.<br>• biex ikun hemm diversions ċari fi Vjal il-Blue Grotto waqt li qed issir it-triq bit-tarmak.<br>• Jitnaddaf ħmieġ tal-klieb minn fuq il-bankina fi Vjal il-Blue Grotto. |
| | | |
| 13.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• fejn kien hemm it-tappiera li sfrundat fi Vjal il-Blue Grotto m'hemmx dawl biex juri li hemm il-pjanċa.<br>• Staqsiet meta ser issir il-laqgħa mal-għaqdiet minħabba l-art tal-fire point. Kien hemm qbil li l-laqgħa tkun nhar l-Erbgħa fis-sala tal-Kunsill fis-18:00. |
| | | |
| | | |
| ***13.5*** | | **Rapporti** |
| | | |
| **13.5.a** | | **Audited Financial Statements** |
| | | |
| | | |
| 13.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport tal-Awditur wara x-xogħol li għamel f'dan ix-xagħar għall-attenzjoni tal-Kunsill. Ir-rapport ġie approvat biex jintbaghat. |
| | | |
| ***13.5b*** | | ***Performance Report for year 2019 – skart reċiklabbli*** |
| | | |
| 13.5b.2 | | Is-Segretarju eżekuttiv ressqet il-performance report tas-sena 2019 fir-rigward reċiklabbli. Minħabba li ħadd ma ippropona r-risposta għal dan ir-rapport. Infurmat li ser taħdem fuqu hi flimkien mas-Sindku u tibgħatu għada minħabba li għada hi d-data ta' skadenza. |
| | | |
| ***13.6*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 13.6.a.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet:<br>• Il-kunsill irċieva petizzjoni minn residenti ta' Triq Gervase Matthew fejn qed jitolbu li jkollhom parkeġġ riservat għalihom, minħabba li l-akwati qed ikunu mimlijin b'vetturi ta' nies li jiġu saħansitra minn Vjal il-Blue Grotto. Ma kienx |

| | | |
|---|---|---|
| | | hemm qbil li jsiru parkeġġi riservati għar-residenti imma jsiru parkeġġi man-naħa tal-ħajt tal-grawnd tal-football.<br>• Il-Kumitat Ismijiet tat-toroq talab lill-Kunsill biex jiddiskuti l-parti tat-triq li għad trid tinfetaħ fi Triq il-Qroll, u tissemma isem ġdid il-parti li tagħmel li tagħmel ma' Vjal il-Blue Grotto, filwaqt li Triq il-Merill tiġi sanzjonata tul it-triq kollha sa Triq il-Wied. Fuq Triq il-Merill kien hemm qbil u fuq Triq il-Qroll il-Kunsill qabel li l-parti minn Vjal il-Blue Grotto sa Triq San Pietru tkun imsemmija Triq il-Qroll filwaqt li l-parti minn Triq il-Qroll sa Triq il-Wied tkun imsemmija għal-ex-Sindku Antonia Farrugia. Il-Kunsillier Joseph D'Amato xtaq jissuġġerixxi li jkun hemm triq li tissemma għal Dun Nazzareno Tonna.<br>• l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ipproponiet li l-Kunsilli Lokali jiffirmaw dokument li jagħti awtorizzazjoni biex jesploraw mekkaniżmu dwar kif il-ġbir tal-iskart reċiklat jibda jsir mir-reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li dan kollu qam għax il-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart reċiklaġġ waqfu l-ġbir għall-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Green Pak baqa' jgħati s-servizz tiegħu normali fiż-Żurrieq. Il-Kunsill qabel li fiż-Żurrieq m'għandniex problemi mal-kumpanija Green Pak. |
| | | |
| 13.6a.2 | | F'Dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta 19:30. |
| | | |
| | | |
| ***13.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 13.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar 35 |
| | | |
| ***13.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 13.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta'**€45,611.22.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Tiffanny Ann Farrugia u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***13.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 13.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _8___ ta' LULJU, 2020.

IFFIRMAT<br>Rita Grima<br>**Sindku**

IFFIRMAT<br>Josianne Cilia Mumford<br>**Segretarju Eżekuttiv**